

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1844

tat-13 ta' Lulju 2015

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2013 dwar l-implimentazzjoni teknika tal-Protokoll ta' Kjoto wara l-2012

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(5) u (6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) li serviet bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto, adottat l-emenda ta' Doha li tistabbilixxi t-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, li jibda mill-1 ta' Jannar 2013 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2020 ("l-Emenda ta' Doha"). L-Unjoni approvat l-Emenda ta' Doha bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1339⁽²⁾ (id-Deċiżjoni ta' Ratifika).
- (2) L-implimentazzjoni teknika neċessarja tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto għandha titwettaq fir-Reġistru tal-Unjoni u fir-reġistri nazzjonali tal-Protokoll ta' Kjoto. Huwa neċessarju wkoll li tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾ u mad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾ u l-implimentazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti tal-kontabbiltà maqbula internazzjonalment biex tiġi ottimizzata t-trasparenza u tiġi żgurata l-eżattezza tal-kontabbiltà tal-AAUs, ir-RMUs, l-ERUs, is-CERs, it-tCERs u l-lCERs mill-Unjoni u l-Istati Membri, filwaqt li, safejn huwa possibbli, jiġu evitati l-piżijiet u l-ispejjeż amministrattivi, inklużi dawk relatati mas-sehem tar-rikavat u l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-IT.
- (3) Ladarba l-Emenda ta' Doha tidħol fis-seħħ, l-Unjoni u l-Istati Membri se jkunu meħtieġa joħorġu fir-reġistri rispettivi tagħhom tal-Protokoll ta' Kjoto, unitajiet tal-ammont assenjat (AAUs) li jkun ugwali għall-ammont assenjat lilhom skont id-Deċiżjoni ta' Ratifika, u jżidu l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 3(7 bis) tal-Protokoll ta' Kjoto.

⁽¹⁾ ĠUL 165, 18.6.2013, p. 13.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1339 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-impenji taħtha (ĠUL 207, 4.8.2015, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠUL 275, 25.10.2003, p. 32).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠUL 140, 5.6.2009, p. 136).

- (4) Wara kull aġġustament 'il fuq tal-allokazzjoni tal-emissjonijiet annwali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE jew skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, jista' jkun li wara tmiem it-tieni perjodu ta' impenn ikollu jakkwista AAUs addizzjonali jekk juża din l-allokazzjoni addizzjonali tal-emissjonijiet annwali biex ikopri l-emissjonijiet tiegħu skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE jew jittrasferiha lil Stat Membru ieħor. Jekk l-emissjonijiet ta' Stat Membru jkunu oġhla mill-ammont assenjat, dan jista' juża wkoll ir-Riżerva Żejda mill-Perjodu Preċedenti tiegħu msemmija fl-Artikolu 3(13b) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. Kull akkwizzizzjoni ta' AAU li tirriżulta tkun suġġetta għall-applikazzjoni tas-sehem tar-rikavat fl-ewwel trasferiment internazzjonali ta' AAUs msemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. Fejn huwa xieraq, dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala inkonsistenzi tal-kontabbiltà fit-tqabbil tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mar-regoli maqbula skont il-Protokoll ta' Kjoto fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 10(7) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.
- (5) Għandu jiġi stabbilit proċess ta' kklerjar fi tmiem it-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto biex jipprovdri għas-saldu f'AAUs ta' kull trasferiment nett tal-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet annwali skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.
- (6) Skont l-Artikolu 11a tad-Direttiva 2003/87/KE, l-istallazzjoni stazzjonarja u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jistgħu jiskambjaw CERs u ERUs għall-kwoti. Is-CERs u l-ERUs skambjati li huma validi għall-ewwel perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, potenzjalment jirrappreżentaw l-emissjonijiet EU ETS fit-tieni perjodu ta' impenn. Peress li l-Emenda ta' Doha tistabbilixxi l-limiti tat-trasferiment tas-CERs u l-ERUs mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, l-Istati Membri għandhom jittrasferixxu fl-Unjoni għadd korrispondenti ta' AAUs validi għall-ewwel perjodu ta' impenn biex ikopru dawn l-emissjonijiet potenzjali u l-Unjoni għandha tittrasferixxi lill-Istati Membri s-CERs u l-ERUs korrispondenti validi għall-ewwel perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto riċevuti mill-istallazzjoni stazzjonarja u mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru bħala skambju għall-kwoti.
- (7) Għalhekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 ⁽¹⁾ għandu jiġi emendat skont dan.
- (8) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ b'urġenza peress li huwa neċessarju biex jitwettqu t-trasferimenti tranżizzjonali qabel tmiem il-perjodu addizzjonali għat-twettiq tal-impenji skont l-ewwel perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto msemmi fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.
- (9) Dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto, sakemm ma jipprovdix għat-trasferimenti tranżizzjonali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 389/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) Jiddaħħal l-Artikolu 73a li ġej:

“Artikolu 73a

Trasferiment ta' CERs u ERUs skambjati fl-EU ETS

1. L-amministratur ċentrali għandu jinforma lil kull amministratur nazzjonali bl-għadd ta' CERs u ERUs validi għall-ewwel perjodu ta' impenn trasferiti skont l-Artikolu 60 minn kontijiet ta' depożitu ta' operatur u kontijiet ta' depożitu ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru amministrati mill-Istat Membru. Ma' dak l-għadd, l-amministratur ċentrali għandu jżid porzjon tal-għadd ta' CERs u ERUs validi għall-ewwel perjodu ta' impenn trasferiti skont l-Artikolu 60 minn kontijiet ta' depożitu ta' operaturi u kontijiet ta' depożitu ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru amministrati mill-Istat Membri mingħajr reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto fl-ewwel perjodu ta' impenn, proporzjonalment għal-limiti numeriċi rispettivi tal-Istati Membri għat-trasferiment ta' CERs u ERUs mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nru 280/2004/KE u 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 920/2010 u 1193/2011 (G.U.L 122, 3.5.2013, p. 1).

2. Skont l-ewwel perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto msemmi fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, qabel tmiem il-perjodu addizzjonali ta' twettiq tal-impenni, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi lil kull reġistru nazzjonali tal-Protokoll ta' Kjoto għadd ta' CERS u ERUs validi għall-ewwel perjodu ta' impenn mill-Kontijiet ta' Kreditu Internazzjonali tal-UE li jkun ugwali għall-għadd totali stabbilit skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jipprevjeni t-tranżazzjonijiet kollha ta' unitajiet trasferiti skont il-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni ta':

(a) il-kanċellazzjoni ta' unitajiet skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;

(b) l-irtirar ta' unitajiet skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;

(c) it-trasferiment ta' unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;

(d) it-trasferiment ta' unitajiet f'reġistru wieħed tal-Protokoll ta' Kjoto.

4. Immedjatament wara t-trasferiment li jitwettaq skont il-paragrafu 2, kull amministratur nazzjonali għandu jittrasferixxi għadd ta' AAUs fil-kont ta' depożitu tal-Parti rilevanti fir-Reġistru tal-Unjoni li jkun ugwali għall-għadd ta' krediti trasferiti lura lil dak l-Istat Membru skont il-paragrafu 2."

(2) Jiddaħlu l-Artikoli 73b sa 73 g li ġejjin:

"Artikolu 73b

Ħruġ u Depożitu ta' AAUs

1. Qabel it-tranżazzjoni ta' rtirar skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), l-amministratur ċentrali għandu:

(a) joħroġ għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-ammont mogħti mill-Unjoni stabbilit skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1339 (**) fil-Kont ta' AAU tal-UE fir-Reġistru tal-Unjoni;

(b) jittrasferixxi immedjatament għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-għadd ta' kwoti ġenerali maħluqa skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/634/UE (***) mill-Kont ta' AAU tal-UE għall-Kont ta' Depożitu ta' AAU tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. Skont l-Artikolu 31, mill-inqas tliet xhur qabel l-għeluq tal-Kont tal-Konformità mad-Deċiżjoni tal-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESD) għall-2020, kull amministratur nazzjonali għandu:

(a) joħroġ għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-ammont mogħti mill-Istat Membru rispettiv tiegħu stabbilit skont id-Deċiżjoni ta' Ratifika fil-Kont ta' depożitu tal-Parti fir-Reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto tiegħu;

(b) jittrasferixxi immedjatament għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-għadd korrispondenti ta' AEAs għall-allokazzjoni tal-emissjonijiet annwali għall-Istat Membru tiegħu għas-snin kollha skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE kif inhu stabbilit qabel kull emenda skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 mill-Kont ta' depożitu tal-Parti għall-Kont ta' Depożitu ta' AAU tal-ESD fir-Reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto tiegħu.

3. Qabel ma jitlestew il-proċessi ta' kklerjar skont l-Artikolu 73f, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-EUTL) jipprevjeni t-tranżazzjonijiet kollha ta' AAUs mill-Kont ta' Depożitu ta' AAU tal-ETS jew mill-Kontijiet ta' Depożitu ta' AAU tal-ESD, bl-eċċezzjoni ta':

(a) il-kanċellazzjoni jew l-irtirar ta' għadd ta' AAUs li jkun inqas jew ugwali għall-għadd ta' AEAs trasferiti għall-Kont ta' Tħassir tal-ESD skont l-Artikolu 88(2);

(b) l-irtirar ta' għadd ta' AAUs skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, li jkun ugwali għall-għadd ta' AEAs trasferiti għall-Kont ta' Tħassir tal-ESD skont l-Artikolu 31(4) ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-kwantità ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mdaħħla fil-Kont tal-Konformità mal-ESD skont l-Artikolu 77 ta' dan ir-Regolament;

- (c) il-kanċellazzjoni jew it-trasferiment ta' għadd ta' AAUs li jkun inqas jew ugwali għall-għadd ta' AEAs trasferiti għall-Kont ta' Tħassir tal-ESD skont l-Artikolu 31(4) li jaqbeż il-kwantità ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mdaħħla fil-Kont tal-Konformità tal-ESD skont l-Artikolu 77;
- (d) it-trasferimenti meħtieġa għall-finijiet tal-proċessi ta' kklerjar skont l-Artikolu 73f;
- (e) il-konverżjoni ta' AAUs f'ERUs, sakemm l-għadd ta' AEAs ikun daqs l-għadd ta' AAUs li jridu jiġu kkonvertiti flimkien mal-għadd ta' ERUs meħtieġa biex jissodisfaw l-imposta tas-sehem tar-rikavat imsemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 jiġi trasferit għall-Kont ta' Tħassir tal-ESD skont l-Artikolu 31(4) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 73c

Trasferiment u użu ta' unitajiet

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jipprevjeni t-tranżazzjonijiet li jinvolvu s-CERs, l-ERUs, it-tCERs u l-ICERs li ntużaw skont l-Artikolu 81, bl-eċċezzjoni ta':

- (a) it-trasferiment ta' unitajiet mill-Kont tal-Konformità tal-ESD fir-Reġistru tal-Unjoni fir-reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto tal-Istat Membru rilevanti skont l-Artikolu 31(3);
- (b) l-irtirar ta' unitajiet skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;
- (c) it-trasferiment ta' unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;

2. Mat-tlestija tat-trasferiment tal-unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jipprevjeni l-użu ta' CERs, ERUs, tCERs jew ICERs skont l-Artikolu 81 ta' dan ir-Regolament sakemm daww l-unitajiet ikunu validi għat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto.

Artikolu 73d

Kanċellazzjoni ta' unitajiet

1. Wara li jitlestew it-trasferimenti tal-unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-amministratur ċentrali għandu jikkancelja s-CERs u l-ERUs kollha li jibqgħu fil-Kont ta' Twarrib ta' Ċediment tal-Avjazzjoni.

2. Wara li jitlestew it-trasferimenti tal-unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-amministratur ċentrali għandu jitlob lill-amministraturi nazzjonali biex jikkanċellaw is-CERs u l-ERUs validi għall-ewwel perjodu ta' impenn għall-Protokoll ta' Kjoto miżmuma f'kontijiet tal-ETS li jiġu amministrati jew ikkanċellati fir-Reġistru tal-Unjoni.

Artikolu 73e

Irtirar ta' unitajiet

Jekk l-emissjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE jaqbz u l-ammont mogħti lill-Unjoni stabbilit skont id-Deċiżjoni ta' Ratifika, l-amministratur ċentrali għandu jirtira l-AAUs mill-Kont tal-PPSR tal-UE.

Artikolu 73f

Trasferiment fir-Reġistru tal-Unjoni

L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi l-AAUs kollha mill-Kont għall-Ikklerjar Ċentrali tal-ETS u l-AAUs trasferiti skont l-Artikolu 73a(4) ta' dan ir-Regolament għall-Kont tal-PPSR tal-UE stabbilit skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.

Artikolu 73g

Proċessi ta' Kklerjar

1. Fi żmien sitt xhur mill-għeluq skont l-Artikolu 31 tal-Kont tal-Konformità mal-ESD għall-2020, l-amministratur ċentrali għandu jikkalkula valur ta' kklerjar għal kull Stat Membru billi jnaqqas it-trasferimenti netti ta' AEAs mill-akkwisti netti ta' AEAs bejn l-Istati Membri matul il-perjodu 2013-2020.
2. Jekk Stat Membru jkollu valur ta' kklerjar negattiv skont il-paragrafu 1, l-amministratur nazzjonali rilevanti għandu jittrasferixxi għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-valur ta' kklerjajr mill-Kont ta' Depożitu AAU tal-ESD tagħhom għall-Kont għall-Ikklerjajr Ċentrali tal-ESD.
3. Jekk Stat Membru jkollu valur ta' kklerjar pożittiv skont il-paragrafu 1 u wara li jsiru t-trasferimenti kollha skont il-paragrafu 2, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-valur ta' kklerjar ta' Kont ta' depożitu tal-Parti tal-Istat Membru rilevanti.
4. Qabel ma jsir it-trasferiment imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-amministratur nazzjonali rilevanti għandu l-ewwel jittrasferixxi l-għadd ta' AAUs meħtieġa biex jissodisfaw is-sehem tar-rikavat applikat għall-ewwel trasferimenti internazzjonali ta' AAUs skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE, (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

(**) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1339 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-tweqqiq konġunt tal-impenji taħtha (ĠU L 207, 4.8.2015, p. 1).

(***) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/634/UE tat-22 ta' Ottubru 2010 li taġġusta l-kwantità ta' kwoti li se jinħarġu għall-Unjoni kollha skont l-Iskema tal-Unjoni għall-2013 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/384/UE (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 34)."

- (3) L-Anness I huwa emendat kif inhu stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Madankollu, l-Artikolu 1(2) u (3) għandu japplika mid-data tal-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ta' komunikazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 389/2013, il-parti V bl-isem ta' "Kontijiet tal-PK fis-sistema konsolidata tar-reġistri Ewropej" tat-tabella I-I, jiddiedu r-ringieli li ġejjin:

Isem it-tip ta' kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-kont	Għadd ta' kontijiet ta' dan it-tip	Unitajiet mhux ta' Kjoto			Unitajiet ta' Kjoto				
				Kwoti		AEAs	AAU	CER	ERU	1CER/tCER	RMU/ERU minn RMU
				Kwoti ġenerali	Kwoti tal-avjazzjoni						
V. Kontijiet tal-PK fis-sistema konsolidata tar-reġistri Ewropej											
"Kont ta' AAU tal-UE	UE	Amministratur Ċentrali	1	Le	Le	Le	Iva	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Depożitu ta' AAU tal-ESD	Stat Membru	Amministratur tar-reġistri tal-PK	1 għal kull reġistru	Le	Le	Le	Iva	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Twarrib ta' Ċediment tal-Avjazzjoni	UE	Amministratur Ċentrali	1	Le	Le	Le	Iva	Iva	Iva	Le	Le
Kont tal-PPSR	Parti għall-Protokoll ta' Kjoto	Amministratur tar-reġistru tal-PK (fir-Reġistru tal-Unjoni: l-amministratur ċentrali)	1 għal kull reġistru	Le	Le	Le	Iva	Le	Le	Le	Le
Kont għall-Ikklerjar Ċentrali tal-ESD	UE	Amministratur Ċentrali	1	Le	Le	Le	Iva	Le	Le	Le	Le"